



Dħul fil-kariga ta' Membru ġdid tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta' deċiżjoni tas-27 ta' Mejju 2021, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri ħatru, bħala Mħallf fil-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, għall-perijodu bejn l-10 ta' Ġunju 2021 u l-31 ta' Awwissu 2025, lil Maja Brkan.

Fl-okkażjoni tad-dħul fil-kariga ta' Maja Brkan illum ser tinżamm udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

L-udjenza solenni ser tixxandar b'mod dirett mill-16.00 fis-sit aċċessibbli permezz ta' dan il-link: <http://c.connectedviews.com/01/LiveMeetings/cdj>

Curriculum vitae ta' Maja Brkan

Imwiela fl-1979; diploma fid-dritt mill-Università ta' Ljubljana (2003); master fid-dritt mill-Università ta' New York (2004); dottorat fid-dritt mill-Università ta' Ljubljana (2007); ġurista lingwista fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (2004-2005); stagiaire fil-Qorti tal-Ġustizzja mal-uffiċċju tal-Imħallf Ó Caoimh (2005); stagiaire fil-qorti tal-appell ta' Ljubljana (2005-2006); assistenta legali (2007-2008), sussegwentement référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja mal-Avukata Ġenerali V. Trstenjak (2008-2011) u mal-Imħallf M. Ilešič (2011-2013); assistenta professoressa (2013-2018), sussegwentement professoressa assoċjata (mill-2018) tad-dritt tal-Unjoni Ewropea fl-Università ta' Maastricht; direttriċi assoċjata maċ-Ċentru tad-Dritt Ewropew fl-Università ta' Maastricht (2017-2020); koordinatriċi tal-programm "Advanced Master in Privacy, Cybersecurity and Data Management" (master approfondit dwar il-ħajja privata, iċ-ċibersigurtà u l-ġestjoni ta' data) maċ-Ċentru Ewropew dwar il-Ħajja Privata u ċ-Ċibersigurtà fl-Università ta' Maastricht (2021); lettriċi fl-Università ta' Bejing (2014); editriċi assoċjata tal-*European Data Protection Law Review (Rivista tad-Dritt Ewropew dwar il-Protezzjoni ta' Data)* (2015-2021); membru tal-kumitat editorjali tal-EU Law Live (mill-2020); Imħallf fil-Qorti Ġenerali mis-6 ta' Lulju 2021.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355